

# "Mill-ġuh, mill-gwerra u mill-pesta eħlisna Mulej" hekk insibu miktub fil-litanija tal-Qaddisin.

Is-Sur Joe Chetcuti

Il-Knisja dejjem tħajjar lill-insara sabiex għall-mard tal-grieżem nitolbu lil San Biaġju, tal-għajnejn lil Santa Luċija, tas-snien lil Santa Appolonia, kontra t-terremoti lil San Emidju u ħafna qaddisin oħra għall-mard differenti. Għall-marda qattiela tal-pesta nitolbu lil Santu Rokku,San Bastjan, San Nikola u anki lil Santa Rozarja. Dawn huma kollha qaddisin u nitolbu lil min nitolbu bl-inerċessjoni taghħom naqalaw il-grazzji. Għall- fini ta din il-kitba se nikteb dwar San Bastjan.

Il-marda tal-pesta minn dejjem kienet waħda qerrieda ħafna u minn qara' ir-rumanz "Promessi Sposi mill-ewwel jintebah bil-ħsara kemm hija marda tal-waħx l-pesta.

Tajjeb ngħidu li din il-marda lilna l-Maltin ġiet iżżurna aktar minn darba, u kull meta faqqgħet fostna ħalliet ħerba kbira. Lil antenati tagħna din l-pesta kiddithom mhux ftit u mhux talbu biss lil qaddisin li diġa semmejna, fosthom lil San Bastjan imma anki għamlu diversi wegħdi, saħansistra bnew kappelli u knejjes lil qaddisin protetturi tal-pesta biex il-pajjiż jinħeles min din il-pjaga. Insibu patrimonju ekklesjastiku dedikat mhux biss f'bini tal-kappelli u knejjes imma anki kwadri u altari. Kien hemm każijiet fejn saret pittura li tinkludi lill-dawn il-qaddisin kollha bħal per eżempju dik li hemm fil-Knisja ta Sarria. Imma illum nitkellmu biss dwar San Bastjan, wieħed min dawn il-protetturi.

Wahda mill-ewwel kappelli li nbnew b'dedika għal dan il-qaddis hija bla dubju ta xejn dik lil hemm fir-Rabat ta Malta madwar kilometru l-barra mis-swar tal-Mdina. Din il-kappella li hija fost l-eqdem dedikati lil San Bastjan giet mibnija fis-seklu ħmistax. Skond testment li sar għand in-nutur Luqa Sillatu, fit-12 ta Settembru tal-1477, Orlandu Zabbar ħalla somma flus sabiex tinbena din il-kappella. Insibu li din l-knisja giet mibnija mill-gdid 1519, u reġgħet tkabbret fl-1731. Knisja sabiħa ħafna li jieħdu ħsiebha s-Sorijiet tal-Karita'. Din il-knisja kull ma fiha altar wiehed biss.

Kappella dedikata lil San Bastjan insibuha fil-Konkatidral ta' San Gwann. Din il-kappella kienet tal-Kavallieri tal-lingwa ta' Alverina . Hawnhekk minbarra t-titular insibu zewġ lunetti tal-pittur Malti Guzeppi Arena. Waħda hija il-martirju ta San Bastjan u l-oħra San Bastjan f'riġlejn il-Papa. F'San Gwann ukoll hemm relikwa ta San Bastjan, li hija parti mid-driegħ

*ikompli f'paġna 71*



Noħorġu mill-Belt Valletta u fis-subborg tiegħu l-Floriana insibu Il-Knisja ta' Sarria li ġiet mibnija mill-Kavallier Martin Sarria fl-1585. Bejn l-1575 u 1576 Malta kienet intlaqtet minn waħda mill-agħar pesti li kien hawn u għamlet ħerba kbira. Il-Gran Mastru u l-Kunsill tal-Ordni kienu għamlu wegħda li tinbena knisja dedikata lil Kuncizzjoni u fiha tiġi ċelebrata l-festa tat-twelid ta 'San Gwann. Malli il-grazzja inqalet. Il-Knisja ta Sarria twaqqgħet u b'digriet tal-Ordni li jġib id-data tal-11 ta' April 1675 reġgħat inbniet mill-gdid u tlestiet 1678. Din tkabbret u saret fuq disinn ta Lorenzo Gafa'. Minbarra dan f'din il-kappella insibu xogħolijiet ta Mattia Preti fosthom kwadri tal-erba' qaddisin li huma magħufa bħala protettur tal-pesta jiġifieri San Bastjan, Santu Rokku, San Nikola u Santa Rosarja.

Aktar kwadri ta San Bastjan insibuwhom fil-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz, il-Kwadru li huwa tal-Palladini juri lil San Pawl flimkien ma San Bastjan.

Insibu li l-kult ta' San Bastjan ġo Birkirkara daħal għall-ħabta tal-1863. Ġo Birkirkara kien hemm kappella dedikata lil Santu Rokku, u kienet ġiet profanata mill-Isqof Balaguier fil-25 ta Marzu 1659. Reġgħat giet mibnija wara il-pesta tal-1676. Kważi mitejn sena wara din il-kappella reġgħet ġiet mibnija mill-ġdid minn Dun Filippu Grech, u mbierka mill-Propostu Dun Kalċ Aguis fid-9 ta' Awwissu 1863. Din il-kappella għandha altar wieħed iżda t-titular ta' dan l-altar juri l-Madonna bil-Bambin f'idejha u lil Santu Rokku u lil San Bastjan fil-ġnub. Kienet issir żgur tridu ta' talb kull sena fil-festa lil San Bastjan u matulu kienet tiġi kantata kurunella ta ġmiel kbir.

Issa mmorru Ħal Qormi r-raħal propju fejn San Bastjan għandu l-parroċċa dedikata lilu u għandu numru kbira ħafna ta segwaċi. L-ewwel Kappella li nisbu referenza għaliha dedikata lil San Bastjan f'dan ir-raħal illum il-ġurnata ma għadhiex teżisti. Din il-kappella tisemma fil-visita appostolika tad-Dużina fl-1575 u ftit li xejn aktar wara. Din kienet viċin ħafna fejn illum il-ġurnata hemm il-Knisja tal-Vittorja u fejn fl-istess inħawi fejn kien hemm kappella oħra dedikta lil Santu Rokku, protettur ieħor tal-pesta li ukoll illum il-ġurnata twaqqgħet.

Il-Knisja oħra dedikata lil San Bastjan illum magħrufa bħala San Bastjan l-antika giet imbierka 1890 għalkemm ix-xogħol kien beda għall-ħabta tal-1880. Kienet mibnija fuq il-post fejn hemm statwa li tfakkar il-pesta tal-



1813 li matula mietu aktar minn 740 minn Ħal Qormi. Din kienet inbniet fl-1815 fejn l-istatwa kienet tħares lejn il-Port il-Kbir minn fejn bdiet il-pesta. Knisja zgħira imma sabiħa. Matul iż-żminijiet differenti dejjem ħadu ħsiebha, għajr għal perjodu qasir ta'żmien meta nbniet il-knisja il-ġdida. Tajjeb ngħidu li fis-sena 2011 kien sar xi xogħol fuq din il-kappella u reġgħet infetħet għall-pubbliku. Dan il-mument qed isir aktar xogħol ta' restawr fuq din il-kappella. Fiha ċerta nduratura, u anki skolpita kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa. Fiha tlett altari u t-titular huwa wieħed dedikat lil martirju ta' San Bastjan, iehor lil Kristu Redentur. Dawn ix-xogħolijiet huma ta Lazzaro Pisani u ieħor il-Madonna tar-Rużarju huwa maħsub li huwa ta' Stefano Erardi jew inkella tal-alliev tiegħu Carlo Gimach. Din il-knisja kienet saret Parrocca fil-25 ta' Ottubru 1935, id-digriet kien ippubblikat xahar wara u l-ewwel kappillan ħa l-pussess tiegħu fis-6 ta Jannar 1936. Dan kien Dun Alwig Psaila.

Minħabba li din il-Knisja saret żgħira ħafna għall-popolazzjoni ta' din il-parti ta' Ħal Qormi, nbniet Knisja ferm aktar ftit 'il bogħod, u wkoll ġiet dedikata lil San Sebastjan. Ix-xogħol fuq din il-Knisja kien beda ftit qabel il-gwerra. Ix-xogħol waqaf għal diversi drabi bejn minħabba il-gwerra, nuqqas ta finanzi u anki tibdil fl-istruttura sakemm tlestiet fl-1980.Tbierket fl-1982 u ġiet ikkonsagrata fl-1986.



Referenzi
Hajr lis Sur Max Farrugia